



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' April 2021
(OR. en)

7764/21
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0092(NLE)

WTO 95
COLAC 25

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 173 final - Annex
Suġġett:	ANNESS ta' Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tiġi tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kummerċ tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emendi fuq id-Deċiżjonijiet Nru 1/2014, Nru 2/2014, Nru 3/2014, Nru 4/2014 u Nru 5/2014 tal-Kumitat Kummerċjali biex titqies l-adeżjoni tal-Ekwador mal-Ftehim Kummerċjali u biex tiġi aġġornata l-lista ta' arbitri u esperti fil-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 173 final - Annex.

Mehmuż: COM(2021) 173 final - Annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.4.2021
COM(2021) 173 final

ANNEX

ANNESS

ta' [...]

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li trid tiġi tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kummerċ tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emendi fuq id-Deċiżjonijiet Nru 1/2014, Nru 2/2014, Nru 3/2014, Nru 4/2014 u Nru 5/2014 tal-Kumitat Kummerċjali biex titqies l-adeżjoni tal-Ekwador mal-Ftehim Kummerċjali u biex tiġi aġġornata l-lista ta' arbitri u esperti fil-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli

ABBOZZ

DEĊIŻJONI 2/2021 TAL-KUMITAT TAL-KUMMERĊ BEJN L-UE, IL-KOLOMBJA, IL-PERÙ U L-EKWADOR

ta' XXX

li temenda d-Deċiżjonijiet Nru 1/2014, Nru 2/2014, Nru 3/2014, Nru 4/2014 u Nru 5/2014 biex titqies l-adeżjoni tal-Ekwador fil-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja, il-Perù, u l-Ekwador min-naħa l-oħra, u biex jiġu aġġornati l-listi tal-arbitri u tal-esperti fil-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli

IL-KUMITAT TAL-KUMMERĊ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador, min-naħa l-oħra, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Kummerċjali"), u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Billi:

- (1) B'konformità mal-Artikolu 13(2), il-punt (g) (vi) tal-Ftehim, il-Kumitat tal-Kummerċ jista' jressaq il-kisba tal-oġġettivi tal-Ftehim 'il quddiem permezz ta' modifiki previsti fih ta' dispożizzjonijiet oħrajn suġġetti għal modifiki mill-Kumitat tal-Kummerċ skont dispożizzjoni espliċita tal-Ftehim. B'konformità mal-Artikolu 13(5) tal-Ftehim, fl-eżerċitar ta' kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu, il-Kumitat tal-Kummerċ jista' jadotta kwalunkwe deċiżjoni kif inhu previst fil-Ftehim.
- (2) Id-Deċiżjoni Nru 1/2014 ipprevediet l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura skont l-Artikolu 13(1)(j) tal-Ftehim.
- (3) Id-Deċiżjoni Nru 2/2014 ipprevediet l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura u tal-Kodiċi ta' Kondotta għal arbitri skont l-Artikolu 13(1)(h) u l-Artikolu 315 tal-Ftehim.
- (4) Id-Deċiżjoni Nru 3/2014 ipprevediet l-istabbiliment tal-listi ta' arbitri skont l-Artikolu 304(1) u (4) tal-Ftehim.
- (5) Id-Deċiżjoni Nru 4/2014 ipprevediet l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura għall-Gruppi ta' Esperti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli skont l-Artikolu 284(6) tal-Ftehim.
- (6) Id-Deċiżjoni Nru 5/2014 ipprevediet l-istabbiliment ta' Grupp ta' Esperti dwar kwistjonijiet koperti mit-Titolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli skont l-Artikolu 284(3) tal-Ftehim.
- (7) Sabiex titqies l-adeżjoni tal-Ekwador fil-Ftehim Kummerċjali u l-ħtieġa li jiġu aġġornati l-listi ta' arbitri u ta' esperti fil-Kummerċ u fl-Iżvilupp Sostenibbli, id-Deċiżjonijiet Nru 1/2014, Nru 2/2014, Nru 3/2014, Nru 4/2014 u Nru 5/2014 tal-Kumitat tal-Kummerċ jenħtieġ li jiġu emendati kif meħtieġ.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni Nru 1/2014 tal-Kumitat Kummerċjali bejn l-UE, il-Kolombja u l-Perù fis-16 ta' Mejju 2014 dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura msemmi fil-punt (j) tal-

Artikolu 13(1) tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra [2015/1045], huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit bis-segwenti:

“1. Il-Kumitat tal-Kummerċ li huwa stabbilit skont l-Artikolu 12 tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador, min-naħa l-oħra (“il-Ftehim”), għandu jaqdi d-dmirijiet tiegħu skont l-Artikolu 12 tal-Ftehim u jassumi r-responsabbiltà għall-operat u l-applikazzjoni xierqa tal-Ftehim.”,

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“3. Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jkun ippresedut b’sistema ta’ rotazzjoni għal perjodu ta’ sena mill-Ministru tal-Kummerċ, l-Industrija u t-Turiżmu tal-Kolombja, mill-Ministru tal-Kummerċ Barrani u t-Turiżmu tal-Perù, mill-Ministru tal-Produzzjoni, il-Kummerċ Barrani, l-Investment u s-Sajd tal-Ekwador, jew mill-Membri tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għall-Kummerċ. L-ewwel perjodu għandu jibda fid-data tal-ewwel laqgħa tal-Kumitat tal-Kummerċ u jispiċċa fil-31 ta’ Diċembru tal-istess sena. Il-President jista’ jkun irrappreżentat minn nies innominati rispettivi, kif stipulat fl-Artikolu 12(2) tal-Ftehim.”;

(2) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jiltaqa’ darba fis-sena jew fuq talba ta’ kwalunkwe Parti, kif stipulat fl-Artikolu 12(2) tal-Ftehim. Il-laqgħat għandhom jinżammu fuq sistema ta’ rotazzjoni, f’Bogotá, fi Brussell u f’Lima, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.”.

Artikolu 2

L-Anness tad-Deċiżjoni Nru 2/2014 tal-Kumitat Kummerċjali bejn l-UE, il-Kolombja u l-Perù fis-16 ta’ Mejju 2014 dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta’ Proċedura u l-Kodiċi ta’ Kondotta għall-arbitri, msemmi fil-punt (h) tal-Artikolu 13(1) u fl-Artikolu 315 tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra [2015/1046], huwa emendat kif ġej:

(1) fir-Regola 1, il-punt (a) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(a) “il-Ftehim” ifisser il-Ftehim Kummerċjali bejn il-Kolombja u l-Perù, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell fis-26 ta’ Ġunju 2012, kif emendat bil-Protokoll tal-Adeżjoni tal-Ekwador mal-Ftehim, li ġie iffirmat fil-11 ta’ Novembru 2016;”

(2) Ir-Regola 7 hija sostitwita b’dan li ġej:

“7. Jekk l-aħħar jum għall-konsenja ta’ dokument jaqa’ nhar ta’ btala legali fil-Kolombja, fil-Perù, fl-Ekwador jew fl-UE, id-dokument jista’ jiġi konsenjat fil-jum ta’ xogħol li jkun imiss.”

(3) Ir-Regola 33 hija sostitwita b’dan li ġej:

“33. Sakemm il-partijiet litiganti ma jaqblux mod ieħor, is-smigħ għandu jsir fi Brussell jekk il-parti lmentatriċi tkun il-Kolombja, il-Perù jew l-Ekwador u f’Bogotá, f’Lima jew f’Quito, skont il-każ, jekk il-parti lmentatriċi tkun l-UE.”

Artikolu 3

L-Anness tad-Deċiżjoni Nru 3/2014 tal-Kumitat Kummerċjali bejn l-UE, il-Kolombja u l-Perù tas-16 ta’ Mejju 2014, li jistabbilixxi lista ta’ arbitri, msemmija fl-Artikolu 304(1) u (4) tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra [2015/1047], huwa emendat kif ġej:

- (1) il-“Lista ta’ arbitri msemmija fl-Artikolu 304(1) tal-Ftehim” hija emendata kif ġej:
 - (a) fil-lista ta’ “Arbitri proposti mill-Kolombja”, il-punti 2 u 3 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“2. Javier Gamboa

3. Claudia Orozco”,
 - (b) il-lista li ġejja tiddaħħal bejn il-lista ta’ “Arbitri proposti mill-Kolombja” u l-lista ta’ “Arbitri proposti mill-UE”:

“Arbitri proposti mill-Ekwador

1. Hugo Perezcano Díaz

2. Alejandro Sánchez

3. Carlos Vejar

4. Alan Yanovich

5. Andrés Jana”,
 - (c) fil-lista ta’ “Arbitri proposti mill-Perù”, il-punti 4 u 5 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“4. Victor Saco

5. Javier Hernando Illescas Mucha”,
 - (d) il-lista ta’ “Presidenti”, il-punt 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. Pedro Negueloaetcheverry (l-Ekwador)”
- (2) il-“Lista addizzjonali ta’ arbitri b’esperjenza settorjali fuq suġġetti speċifiċi koperti mill-ftehim imsemmija fl-Artikolu 304(4) tal-Ftehim” hija emendata kif ġej:
 - (a) taħt l-intestatura “Esperti tal-Kummerċ fil-Merkanzija”, il-lista li ġejja tiddaħħal bejn il-lista ta’ “Arbitri proposti mill-Kolombja” u l-lista ta’ “Arbitri proposti mill-UE”:

“Arbitri proposti mill-Ekwador

1. Pablo Bentes

2. Jan Bohanes

3. Sofia Bonilla”,
 - (b) taħt l-intestatura “Esperti fl-oqsma tal-Kummerċ fis-Servizzi, fl-Istabbilimenti, fil-Kompetizzjoni, fid-Drittijiet ta’ Proprjetà Intellettuali jew fl-Akkwist tal-Gvern”,

il-lista li ġejja tiddaħħal bejn il-lista ta' "Arbitri proposti mill-Kolombja" u l-lista ta' "Arbitri proposti mill-UE":

"Arbitri proposti mill-Ekwador

1. Gustavo Guerra
2. Alfredo Corral
3. Genaro Eguiguren",

(c) taħt l-intestatura "Esperti fl-oqsma tal-Kummerċ fis-Servizzi, fl-Istabbilimenti, fil-Kompetizzjoni, fid-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali jew fl-Akkwist tal-Gvern", fil-Lista tal-Presidenti, il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- "2. Tania Voon"

Artikolu 4

L-Anness tad-Deċiżjoni Nru 4/2014 tal-Kumitat Kummerċjali bejn l-UE, il-Kolombja u l-Perù tas-16 ta' Mejju 2014 dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura għall-Grupp ta' Esperti fil-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli msemmi fl-Artikolu 284(6) tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra [2015/1048], huwa emendat kif ġej:

(1) fir-Regola 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) "il-Ftehim" iġisfer il-Ftehim Kummerċjali bejn il-Kolombja u l-Perù, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat fis-26 ta' Ġunju 2012, kif emendat bil-Protokoll tal-Adeżjoni tal-Ekwador mal-Ftehim, li ġie iffirmat fil-11 ta' Novembru 2016."

Artikolu 5

L-Anness tad-Deċiżjoni Nru 5/2014 tal-Kumitat Kummerċjali bejn l-UE, il-Kolombja u l-Perù tas-16 ta' Mejju 2014, jistabbilixxi Grupp ta' Esperti dwar kwistjonijiet koperti mit-Titolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli imsemmi fl-Artikolu 284(3) tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra [2015/1049], huwa emendat kif ġej:

(1) fil-"Lista ta' esperti", jiżdiedu l-punti 13, 14, 15 u 16 li ġejjin:

- "13. María Amparo Albán
14. Alice Tipping
15. Leopoldo González
16. Fabián Jaramillo';

(2) fil-"Lista ta' Presidenti", jiżdiedu l-punti 7 u 8 li ġejjin:

- "7. Jacob Olander
8. Martín Padulla'.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi [...].

Din id-Deċiżjoni għandha titfassal fil-lingwi uffiċjali tal-Partijiet tal-Ftehim, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku

Magħmul fi [...]

Għall-Kumitat tal-Kummerċ